**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 26 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**

**Vs**

**Margerita Zahra**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Margerita Zahra ta' 50 sena, mart Joseph, bint Carmel Farrugia u Mary nee' Grixti, imwielda Birzebbugia, fit-28 ta' Frar 1951 u toqghod Blokk 5, House 2, Officers Married Quarters, Hal Far, limiti ta' Birzebbugia, numru tal-karta tal-identita' 252451 9M);

Talli fit-30 ta' Mejju 2000, fil-Belt Valletta, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' fl-Awla 10, preseduta mill-Magistrat Dr. Dennis Montebello LL.D. halef fil-falz fil-kawza Il-Pulizija kontra Joseph Zahra u dan bi ksur tal-artikoli 105 u 108 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 105 u 108 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija Margerita Zahra, hatja ta' kif akkuzata mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li qed issib lill-imputata hatja, qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma' taghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

MAGISTRAT.